MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 386/2010

**Square Foodstuffs Ltd.**
**(C - 15467)**

**vs**

**Joseph Aquilina (K.I. nru. 542174M) f'ismu proprju u kif ukoll a nom u in rapprezentanza tad-ditta 'Dundee Bakery'**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' elfejn, sitt mija u tmienja u sittin ewro u tmienja u tmenin centezmi (€2,668.88), rapprezentanti prezz dovut fuq bejgh u konsenja ta' prodotti ta' l-ikel, inkluz *delicatessen*, mis-socjeta' attrici lill-konvenut skont il-fattura datata 25 ta' Frar, 2010 li ggib il-kodici DBC026.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data li s-somma mitluba saret dovuta sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elfejn, sitt mija u tmienja u sittin ewro u tmienja u tmenin centezmi (€2,668.88), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------